**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**LIVELL PRIMARJU**
**FRAR 2015**

**IS-SITT SENA** | **IR-RELIĠJON** | **IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

L-Isem u l-kunjom: ________________________ Il-Klassi: ______

Marka Totali
______
100

# TAQSIMA A STORJA TA' MĦABBA

## A) Imla l-vojt biex tkompli l-kmandamenti. L-ewwel waħda lesta.

**(9 marki)**

Jien Hu Alla sidek.

1. *Ma jkollokx* *<u>Alla</u>* *ieħor għajri.*
2. La ssemmix l-isem t'Alla fil-____________________.
3. Ħares il-_________________ u l-__________________ kkmandati.
4. Agħti ġieħ lil ____________________ u lil ____________________.
5. La __________________.
6. La __________________.
7. La __________________.




8. La tixhidx ________________ b' __________________.
9. La tixtieqx ________________ tal-__________________.
10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-______________________.

.

**B Imla l-vojt bl-ismijiet li ġejjin. L-ewwel waħda lesta. (8 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Iżakk** | **San Pietru** | **Isaija** | **Mose`** |
| **David** | **Abraham** | **Salamun** | **Ġakobb** |

| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *L-ewwel bniedem fid-dinja.* | *Adam* |
| 2. | Kien lest jissagrifika lil ibnu. | |
| 3. | Iben Abraham. | |
| 4. | Missieru kien jismu Iżakk. | |
| 5. | Hu ħareġ lill-Poplu Lhudi mill-Eġittu. | |
| 6. | Kien ragħaj u ġie midluk Sultan mill-profeta Samwel. | |
| 7. | Kien Sultan għaref ħafna. | |
| 8. | Profeta li ħabbar il-miġja tal-Messija. | |
| 9. | Kien l-ewwel Papa. | |



## TAQSIMA B IL-BIBBJA



**A) Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs. L-ewwel waħda lesta.**

**(10 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| *1.* | *Ġesu `għażel* | | 73 ktieb. |
| 2. | Il-Bibbja hija sensiela ta' kotba | | li fiha nsibu l-istorja ta' kif Alla mexa mal-bniedem matul iż-żmien. |
| 3. | Il-Bibbja tinqasam | | insibu dak kollu li ġara qabel ma' twieled Ġesù. |
| 4. | Fil-Bibbja nsibu | | f'żewġ taqsimiet kbar. |
| 5. | Fit-Testment il-Ġdid | | insibu dak kollu li ġara wara li twieled Ġesù. |
| 6. | Fit-Testment il-Qadim | | kitbu xi ittri lill-ewwel Insara. |
| 7. | San Mattew u San Luqa | | fit-Testment il-Ġdid. |
| 8. | San Ġuda u San Pawl | | fit-Testment il-Qadim. |
| 9. | L-Atti tal-Appostli nsibuh | | huma żewġ evanġelisti. |
| 10. | Il-Ktieb tas-Salmi nsibuh | | bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu |
| 11. | Il-Bibbja nkitbet | *1* | ***tnax-il appostlu.*** |

**B) Ikteb sentenza fuq żewġ personaġġi li nsibu fit-Testment il-Qadim.**

**(4 marki)**

**Personaġġ A:** ____________________

____________________

**Personaġġ B:** ____________________

____________________



**Ċ) Ikteb sentenza waħda biex turi x'tista' tagħmel biex tixbah lil dawn il-personaġġi tat-Testment il-Ġdid.**

**(6 marki)**

SAN LUQA kien dixxiplu ta' San Pawl. Minn għandu tgħallem dwar Ġesù. Int x'tista' tagħmel biex tkun tixbah lil San Luqa?

____________________

____________________

Minn persekutur, SAN PAWL sar appostlu u xandar lil Ġesù kullimkien. Int x'tista' tagħmel biex tkun tixbah lil San Pawl?

____________________

____________________

Marija aċċettat mill-ewwel li ssir Omm Ġesù. Int x'tista' tagħmel biex tkun tixbah lil Marija?

____________________

____________________

## TAQSIMA Ċ      IL-KALENDARJU

A) **Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha. L-ewwel waħda lesta.**

**(10 marki)**

*1. Il-festa tal-Milied tfakkarna (fit-twelid, fil-mewt, fil-qawmien) ta' Ġesù.*

2. Is-sena tal-Knisja maqsuma (fi tliet, f'erba', f'ħames) taqsimiet.

3. Is-sena tal-Knisja tissejjaħ is-Sena (Skolastika, Liturġika, Kalendarja).

4. Is-sena tal-Knisja tibda permezz ta' Żmien (l-Avvent, il-Milied, ta' Matul is-Sena).

5. Żmien tal-Avvent jibda (tlitt, erbat, ħamest) iĦdud qabel il-Milied.

6. Żmien ir-Randan idum (erbgħin, ħamsin, sittin) jum.

7. Il-festa l–aktar importanti tal-Knisja hija (l-festa tar-raħal, l-Milied, l-Għid il-Kbir).

8. Fiż-Żmien ta' Matul is-Sena, il-qassis jilbes il-kulur (abjad, aħdar, vjola).

9. Fir-Randan u fl-Avvent il-qassis jilbes il-kulur (abjad, aħdar, vjola).

10. Żmien il-Għid jispiċċa bil-festa (tal-Għid il-Kbir, ta' Lapsi, ta' Għid il-Ħamsin).

11. Il-festa ta' (Santa Marija, San Pawl, Kristu Re) tagħlaq is-sena tal-Knisja.

B) Poġġi l-kliem li qegħdin fl-ewwel kaxxa taħt is-sagrament li jaqbel magħhom. L-ewwel waħda lesta. (11-il marka)

| | | |
|---|---|---|
| ~~*l-Isqof*~~ | il-konfessjonarju | tnax-il sena |
| l-att tal-indiema | l-Ewkaristija | il-kalċi |
| il-parrini | l-inbid | iż-żejt u l-balzmu |
| il-penitenza | id-dnubiet | l-ostja |



| It-Tqarbin | Il-Griżma tal-Isqof | Il-Qrar |
|---|---|---|
| | *l-Isqof* | |
| | | |
| | | |
| | | |

## TAQSIMA D IL-MILIED

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs. L-ewwel waħda lesta. (8 marki)**



| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| *1.* | *San Ġużepp* | | ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla. |
| 2. | L-Anġlu Gabriel | | kien l-ewwel martri. |
| 3. | Il-maġi | | għamel l-ewwel purċissjoni bil-Bambin. |
| 4. | San Franġisk | | żaru lil Ġesù Bambin meta kellu madwar sentejn. |
| 5. | San Stiefnu | | għamel l-ewwel presepju. |
| 6. | Dun Ġorġ Preca | | it-twelid ta' Ġesù. |
| 7. | Fit-8 ta' Settembru niċċelebraw | | it-tlugħ is-sema ta' Marija. |
| 8. | Fil-25 ta' Diċembru niċċelebraw | | it-twelid ta' Marija. |
| 9. | Fil-15 ta' Awwissu niċċelebraw | ***1*** | ***hu l-missier putattiv ta' Ġesù.*** |

## TAQSIMA E NIKKOMUNIKAW

**A) Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet (8 marki)**

Fil-parabbola tal-Iben il-Ħali, il-Missier ikollu żewġt ulied fid-dar, iżda meta kibru ż-żgħir ried jieħu sehmu mill-wirt (qabel il-mewt ta' missieru) u jitlaq jgħix għal rasu. Forsi ngħidu li seta' jikkuntenta ruħu l-Missier b'wieħed miż-żewġ ulied li baqa' id-dar. Iżda malli reġa' tfaċċa l-iben iż-żgħir, fqir u bil-ġuħ, wara li ħela kulma kellu, il-Missier mhux talli reġa' laqgħu f'daru imma għamillu festa! Il-Missier wera li kien iħobb liż-żewġ uliedu ndaqs.

1) Lil min qiegħed jirrappreżenta l-iben f'din il-parabbola?

_______________________________________________.

2) Lil min qiegħed jirrappreżenta l-Missier f'din il-parabbola?

_______________________________________________.

3) F'liema sagrament Ġesù jaħfrilna dnubietna?

_______________________________________________.

4) Semmi ħaġa tajba li għamel il-Missier f'din il-parabbola meta ra li ibnu reġa' lura.

_______________________________________________.

5) Semmi żewġ ħwejjeġ tajba li għamel l-iben iż-żgħir f'din il-parabbola.

a) _______________________________________________.

b)_______________________________________________.

**B) Ikteb sentenza biex turi kieku x'tagħmel int. L-ewwel waħda lesta għalik. (6 marki)**



*1) Ħabib tiegħi kien l-isptar.*
*Jien nista' mmur narah.*

2) John qal li Marija serqitlu gomma u jien kont ma' Marija l-ħin kollu u ma rajthiex tisraq.
Jien nista' ________________________________________.

3) Rose insiet il-ħobż id-dar.
Jien nista' ________________________________________.

4) Lorna semgħet lil ommha tgħid li n-nanna kienet marida.
Lorna tista' ________________________________________.

## TAQSIMA F    SIMBOLI TA' MĦABBA

### A)    Ġesù u Żakkew   Lq 19, 1-10



Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq. Mela jkun hemm raġel jismu Żakkew. Dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani u kien għani. Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla għax kien raġel qasir. Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi. Kif wasal hemm, Ġesù ħares 'il fuq u qallu, "Żakkew isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek." Dak niżel malajr u kollu ferħan laqgħu għandu. In-nies, lkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ. Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej, "Ara Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed." Qallu Ġesù, "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham. Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet** **(10 marki)**

1. X'kien qed jagħmel ħażin Żakkew?

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

2. Għalfejn taħseb li Ġesù ried imur għand Żakkew?

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

3. X'għamel Żakkew biex juri li issa kien ħabib ta' Ġesù?

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

4. Liema kmandament kien qed jikser Żakkew?

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

5. Matul din l-ikla Ġesù u Żakkew tkellmu bejniethom. X'kien ser jagħmel Żakkew minn dakinhar 'il quddiem?

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

6. Kif nafu li Ġesù ħa pjaċir b'dak li kien se jagħmel Żakkew?

______________________________________________________________

______________________________________________________________.

B) Ikteb ħames sentenzi fuq waħda minn dawn: (10 marki)

a) Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u l-ħut.

b) Marta u Marija, il-ħbieb ta' Ġesù.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA